**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 63/12 AL

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri S u R ahwa B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mill-partijiet, illi permezz tieghu ippremettew :

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda s-Separazzjoni personali bejn il-partijiet;

Illi tul l-ahhar xhur il-partijiet waslu fi ftehim dwar id-divizjoni tal-assi u djun kollha taghhom illi jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;

Illi tali ftehim gie inkorporat fl-att tal-konvenju illi l-partijiet

iffirmaw fil-5 ta' Mejju 2015 in konnessjoni mal-bejgh tad-dar matrimonjali stante illi kull assenjazzjoni tal-attiv u l-passiv ser issir mir-rikavat tal-istess bejgh, kif ahjar dettaljat fil-kopja hawn annessa u mmarkata Dok AG;

Illi la darba l-partijiet waslu fi qbil dwar id-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, m'ghad hemm ebda raguni ghala din tibqa' tapplika u ghalhekk il-partijiet qeghdin jaqblu illi l-istess regim ghandu jigi tterminat sabiex b'hekk jigu ceduti, immedjatament wara illi tinghata s-sentenza tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-hames, sitt, seba', tmien u disa' talbiet attrici u t-tielet, raba', hames, sitt, seba' u tmien talbiet fil-kontro-talba tal-konvenut, b'dan ghalhekk illi, sussegwentement, jibqghu pendenti biss it-talbiet rigwardanti l-ulied minuri tal-partijiet, oltre ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk, l-esponenti qeghdin jitolbu illi tigi terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom, b'effett immedjat u dan ai termini tal-**Artikolu 55 tal-Kodici Civili. Effettivament, din it-terminazzjoni immedjata tkun konferma tal-*modus Vivendi* tal-partijiet u b'hekk hadd minnhom ma ser ikun qieghed ibati pregudizzju, filwaqt illi jkun lilhom hekk permess illi jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens ta' xulxin;**

**Illi in vista tal-fatt illi l-konvenju ffirmat mill-partijiet ma terzi (Dok. AG) jiskadi fil-5 ta' Novembru 2015, huwa essenzjali illi t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijeit issir qabel, u ghalhekk l-esponenti jixtiequ umilment jitolbu lil din ail-Qorti joghgobha taghti s-sentenza fis-seduta illi jmiss tas-6 ta' Ottubru 2015;**

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(a) Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijet b'mod immedjat u fil-pendenza tal-proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan ai termini ta' l-**Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan permezz ta' Sentenza illi, dejjem jekk huwa possibbli**

**ghal din il-Qorti, tinghata fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2015;**

(b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina il-Qorti ghal dan il-ghan, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja tal-waqfien tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti bejn il-partijeit ai termini ta' l-**Artikolu 55(5) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Salv kull provvediment iehor li dina il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Illi l-Qorti halliet ir-rikors ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba kongunta sabiex pendenti l-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet, tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u dan abbazi ta' dokument li gie anness mal-istess rikors kongunt datat l-10 ta' Settembru 2015.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap. 16. Fil-kaz odjern jidher li hemm qbil bejn il-partijiet kemm fuq il-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom ghandha tigi xolta, kif ukoll dwar kif l-istess komunjoni ghandha tigi diviza bejniethom. Id-dettalji dwar kif ghandha ssir il-qasma huma mnizzla fid-dokument anness mar-rikors appositu (datat is-16 ta' Settembru 2015).

**<u>Il-Komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet</u>**

Mid-dokument anness mar-rikors tas-16 ta' Settembru 2015 jirrizulta li l-partijiet ftehmu s-segwenti:

1. Illi l-fond bin-numru tletin (30) fi Triq is-Sorijiet San Ġiljan. Il-partijiet diga' ressqu fuq konvenju dwar l-istess fond li ghandu jinbiegh ghas-somma finali ta' mitejn, disgha u sebghin elf u hames mitt Euro (€279,500). Mir-rikavat, l-ewwel ghandu jithallas id-dejn mal-banek lokali fejn hemm self garantit b'ipoteki fuq l-istess fond inkluz ukoll xi "loan" li hemm mal-bank HSBC Bank Malta plc. Imbaghad, l-attrici A B Amato ghandha tinghata s-somma ta' hamsa u erbghin elf Euro (€45,000) filwaqt li mill-bilanc li jkun ghad fadal minn sehem il-venditur C B Masini, l-ewwel ghandu jithallas id-dejn relatat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u d-dejn pendenti mal-ARMS Limited ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma dovut sad-data tal-kuntratt finali. Wara li jkunu thallsu tali ammonti, kwalunkwe ammont rimanenti ghandu jmur versu C B.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-Qorti, wara li kkunsidrat il-provi migbura quddiemha izda fuq kollox il-konvenju anness mar-rikors tas-16 ta' Settembru 2015, u li permezz tieghu l-partijiet ftehmu kif ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, ma tarax ghaliex l-istess ftehim m'ghandux jigi inkorporat f'sentenza preliminari. Dan qieghed jinghad ghaliex apparti l-fatt li hemm qbil bejn il-partijiet, jirrizulta bl-aktar mod car li l-ebda parti m'hi ser tkun pregudikata f'kaz li jkun hemm ordni tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikors kongunt tal-partijiet datat is-16 ta' Settembru 2015 b'dan li tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-istess partijiet b'mod immedjat u bil-mod indikat aktar 'il fuq b'dan li ghal kull buon fini, l-Qorti qed tapplika u taghmel bhala taghha d-dettalji kollha mnizzla fid-dokument anness mar-rikors tas-16 ta' Settembru 2015 sabiex l-istess komunjoni tal-akkwisti tigi xolta skont id-dettalji mnizzla hemm u tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien gimgha minn mindu tali sentenza preliminari tigi dikjarata *res judicata* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza ai termini tal-artikolu 55(5) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez dwar din is-sentenza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.